Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Mejju 2022
(OR. en)

9337/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0164(COD)

ECOFIN 456
UEM 98
CODEC 758
FIN 572
COH 43
AGRI 208
AGRIFIN 48
AGRISTR 31
FORETS 38
PECHE 171
CLIMA 226
ENV 461
CADREFIN 88

## NOTA TA' TRAŻMISSJONI

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 20 ta' Mejju 2022 |
| lil: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| Nru dok. Cion: | COM(2022) 231 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-Kapitoli tar-REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060, ir-Regolament (UE) 2021/2115, id-Direttiva 2003/87/KE u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 231 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 231 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.5.2022
COM(2022) 231 final

2022/0164 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-Kapitoli tar-REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060, ir-Regolament (UE) 2021/2115, id-Direttiva 2003/87/KE u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814**

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Mill-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2021/241 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (Recovery and Resilience Facility, RRF) ("ir-Regolament dwar l-RRF"), avvenimenti ġeopolitiċi u ekonomiċi bla preċedent kellhom impatt drastiku fuq is-soċjetà u l-ekonomija tal-Unjoni. Wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, il-każ għal tranżizzjoni rapida lejn enerġija nadifa f'konformità mal-miri klimatiċi tal-UE għall-2030 u l-objettiv tan-newtralità klimatika tagħha għall-2050 qatt ma kien aktar b'saħħtu. L-UE timporta 90 % tal-konsum tal-gass tagħha, bir-Russja tipprovdi aktar minn 40 % minnu. Ir-Russja tbigħ ukoll 27 % tal-importazzjonijiet taż-żejt u 46 % tal-importazzjonijiet tal-faħam fl-UE.

Huwa f'dak il-kuntest li l-Mexxejja Ewropej appellaw lill-Kummissjoni Ewropea biex tipprovdi rispons immirat u effettiv. Fid-Dikjarazzjoni tagħhom ta' Versailles tal-10-11 ta' Marzu 2022, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern Ewropej inkarigaw b'mod espliċitu lill-Kummissjoni biex sal-aħħar ta' Mejju tipproponi pjan REPowerEU, li jistabbilixxi bħala l-objettiv ewlieni, tnaqqis tad-dipendenzi enerġetiċi tal-Unjoni. B'mod partikolari, id-Dikjarazzjoni fiha ftehim dwar it-tneħħija gradwali tad-dipendenza fuq l-importazzjonijiet Russi tal-gass, iż-żejt u l-faħam malajr kemm jista' jkun. L-impenji tad-Dikjarazzjoni ta' Versailles ġew sussegwentement imtennija fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24-25 ta' Marzu, li ffukaw addizzjonalment fuq prezzijiet tal-enerġija għoljin sostnuti li għandhom impatt dejjem aktar negattiv fuq iċ-ċittadini u n-negozji, aggravati aktar mill-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna.

Wara t-tnedija ta' NextGenerationEU fl-2020, l-ekonomija Ewropea wittiet it-triq għal tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali aċċellerati. Madankollu, dawn it-tranżizzjonijiet doppji issa qed iseħħu f'kuntest globali mfixkel, iffaċċat b'inċertezzi ġodda. Kif innutat mill-Mexxejja Ewropej, sar aktar ċar minn qatt qabel li ż-żieda fis-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni u t-tnaqqis tad-dipendenza tal-UE fuq il-fjuwils fossili mir-Russja huma vitali għal irkupru sostenibbli u li jirnexxi, mill-kriżi tal-COVID-19.

Il-prezzijiet għoljin tal-enerġija u r-riskji ta' distorsjonijiet fil-provvista tal-enerġija, aggravati mill-fatturi esterni mhux mistennija, jheddu li jiddeterjoraw il-perspettiva ekonomika u jdgħajfu l-koeżjoni soċjali u territorjali għall-Istati Membri kollha. B'mod aktar speċifiku, il-prezzijiet volatili tal-enerġija jirriskjaw li jaffettwaw il-kompetittività tan-negozji, speċjalment tal-bażi industrijali tagħhom, u li jaggravaw l-inugwaljanzi u l-faqar enerġetiku, speċjalment fost l-unitajiet domestiċi vulnerabbli u bi dħul baxx u medju.

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ("RRF") hija l-pedament tal-istrateġija ta' tkabbir orjentata lejn il-futur tal-Unjoni Ewropea wara l-kriżi tal-COVID-19, hekk kif il-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (recovery and resilience plans, "RRPs") jistabbilixxu l-aġenda ta' investiment u riforma għas-snin li ġejjin. Għadd kbir ta' miżuri inklużi fl-RRPs diġà mistennija jtejbu b'mod sinifikanti r-reżiljenza tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, inaqqsu d-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija, u jappoġġaw tranżizzjonijiet ġusti, u ma jħallu l-ebda reġjun u l-ebda persuna l-art. L-RRPs bl-investimenti u r-riformi diġà previsti biex jitwettqu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali jibqgħu essenzjali. Fl-istess ħin, l-iżviluppi ġeopolitiċi u ekonomiċi reċenti jirrikjedu sens saħansitra akbar ta' urġenza u livell saħansitra ogħla ta' ambizzjoni biex jiġi żgurat irkupru mill-kriżi tal-COVID-19 li jirnexxi. Hemm bżonn li jiġu aċċellerati u approfonditi r-riformi u l-investimenti f'dan il-qasam kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali.

It-tneħħija gradwali tad-dipendenza tal-UE fuq il-fjuwils fossili mir-Russja tista' ssir u jenħtieġ li ssir ferm qabel l-2030. Biex dan isir, REPowerEU jissupplimenta l-azzjonijiet meħuda fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista u tal-ħżin tal-enerġija b'sett ta' miżuri biex tiġi ffrankata l-enerġija, jiġu diversifikati l-provvisti u titħaffef it-tranżizzjoni tal-Ewropa lejn enerġija nadifa. Id-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-gass tista' ssir billi jiżdied l-ammont ta' importazzjonijiet tal-LNG u importazzjonijiet mill-pipelines minn fornituri mhux Russi, kif ukoll billi jiżdiedu l-livelli ta' bijometan sostenibbli, jiġifieri prodott minn skart organiku u residwi agrikoli u tal-foresti, u idroġenu rinnovabbli jew mhux fossili. L-iffrankar tal-enerġija jista' jinkiseb fil-livell tal-unitajiet domestiċi, tal-bini, tat-trasport u tal-industrija, u fil-livell tas-sistema tal-enerġija billi tingħata spinta lill-effiċjenza enerġetika. Biex titħaffef it-tranżizzjoni nadifa tal-Ewropa, is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija jeħtieġ li jiżdied u jeħtieġ li jittieħdu miżuri biex jiġu indirizzati l-konġestjonijiet fl-infrastruttura u l-iskarsezzi ta' ħaddiema u ħiliet. Dawn it-tliet settijiet ta' interventi jistgħu jiġu appoġġati permezz ta' taħlita ta' investimenti u riformi.

F'dan l-isfond, l-RRPs jinsabu f'pożizzjoni tajba biex jimplimentaw dawn il-prijoritajiet dejjem aktar urġenti. Bil-proposta attwali, l-RRPs tal-Istati Membri se jservu bħala qafas strateġiku għar-riformi u l-investimenti biex tiġi żgurata azzjoni Ewropea konġunta għal sistemi tal-enerġija aktar reżiljenti, siguri u sostenibbli. Proġetti bejn pajjiżi differenti u miżuri ta' natura transfruntiera, b'mod partikolari dawk li għandhom l-għan li jiżguraw konnessjoni tal-enerġija aħjar bejn l-Istati Membri u b'hekk tiżdied id-diversifikazzjoni tal-provvista, huma partikolarment adatti biex jindirizzaw l-objettivi tar-REPowerEU. F'dan il-kuntest, l-RRF tista' tikkomplementa b'mod utli l-proġetti ta' interess komuni magħżulin fuq il-bażi tar-Regolament TEN-E. Proġetti ta' interess komuni jistgħu jiġu appoġġati wkoll permezz tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa ("FNE").

Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-addenda tal-RRPs ma jfixklux l-implimentazzjoni li għaddejja bħalissa tal-aġenda ta' riformi u investimenti ambizzjużi li tinsab fid-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni eżistenti tal-Kunsill. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-miżuri l-ġodda proposti b'reazzjoni għall-iżviluppi ġeopolitiċi u soċjoekonomiċi jkunu mmirati, addizzjonali u koerenti ma' dik l-aġenda.

Għaldaqstant, il-proposta attwali tipprevedi emendi mmirati għar-Regolament dwar l-RRF biex jintlaħqu l-objettivi li ġejjin:

– Iż-żieda fl-RRPs ta' kapitoli ddedikati inklużi riformi u investimenti ġodda biex jintlaħqu l-objettivi tar-REPowerEU, u
– L-iżgurar ta' sinerġiji u komplementarjetà bejn il-miżuri ffinanzjati bl-RFF u l-azzjonijiet appoġġati permezz ta' fondi nazzjonali jew tal-Unjoni oħrajn.

Il-bidliet fir-Regolament dwar l-RRF jenħtieġ li jiġu kkomplementati minn emendi leġiżlattivi biex jistabbilixxu sorsi ta' finanzjament addizzjonali biex jgħinu fil-finanzjament tal-objettivi l-ġodda tar-REPowerEU fil-qafas tal-RRF. Għal dan l-għan, id-dħul iġġenerat mill-irkant ta' porzjon limitat tal-kwoti tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (Emissions Trading System, "ETS") mir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq (Market Stability Reserve, "MSR") jenħtieġ li jiġi allokat għall-finanzjament ta' miżuri ġodda relatati mar-REPowerEU. Jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw flessibbiltà akbar biex jittrasferixxu r-riżorsi allokati lilhom kemm skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni ((UE) 2021/1060) ("RDK") kif ukoll skont ir-Regolament dwar il-pjanijiet strateġiċi tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) ((UE) 2021/2115).

### Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Din il-proposta temenda r-Regolament (UE) 2021/241 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, ir-Regolament (UE) 2021/1060 ("ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni"), id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 ("id-Deċiżjoni dwar ir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq"), id-Direttiva 2003/87/KE ("id-Direttiva dwar l-ETS") u r-Regolament (UE) 2021/2115 dwar il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK.

Il-proposta tibni fuq il-qafas tal-RRF eżistenti u li jiffunzjona tajjeb biex tipprovdi appoġġ addizzjonali għall-miżuri meħtieġa biex jiġu aċċellerati l-isforzi tal-Unjoni biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili Russi sabiex jiġi żgurat irkupru mill-kriżi tal-COVID-19 li jirnexxi, f'konformità mal-objettiv ġenerali u speċifiku tal-Faċilità.

Barra minn hekk, bl-introduzzjoni tal-kunċett tal-Kapitoli tar-REPowerEU, il-proposta tippromwovi l-koordinazzjoni u s-sinerġiji bejn il-miżuri appoġġati bl-RRF u azzjonijiet oħrajn iffinanzjati minn sorsi oħrajn, inklużi fondi nazzjonali. Dan jippermetti li l-RRF tieħu r-rwol ta' qafas strateġiku għall-inizjattivi tar-REPowerEU, u b'hekk timmassimizza l-komplementarjetà, il-konsistenza u l-koerenza tal-politiki u l-azzjonijiet meħuda biex titrawwem l-indipendenza u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni u jittaffew l-ispejjeż u l-impatti soċjoekonomiċi tagħha matul it-tranżizzjoni.

Ir-riżorsi finanzjarji addizzjonali inklużi fil-proposta għandhom l-għan li jħaffu l-kisba tal-objettivi tar-REPowerEU. Il-possibbiltà li jkun hemm trasferimenti oħrajn minn strumenti tal-Unjoni oħrajn, bħal mill-fondi ta' Koeżjoni, għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza sabiex jintlaħqu l-għanijiet tar-REPowerEU, hija ġġustifikata minn allinjament għoli bejn l-objettivi ta' dawk l-għodod u dawk tal-proposta attwali.

Il-proposta hija konsistenti mal-għanijiet tal-politika segwiti mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni u l-Politika Agrikola Komuni. Minħabba l-objettiv tar-REPowerEU li tiddekarbonizza aktar malajr l-ekonomija, it-tip ta' proġetti li jridu jiġu appoġġati bl-RFF huma allinjati sew mat-tip ta' investimenti kkunsidrati taħt il-fondi tal-politika ta' koeżjoni, pereżempju dwar miżuri ta' effiċjenza enerġetika. L-istess jgħodd għall-Politika Agrikola Komuni u l-enfasi fuq l-enerġija rinnovabbli li hija integrata bħala prijorità ewlenija tar-REPowerEU.

Il-proposta hija allinjata mal-gwida ta' politika pprovduta fl-ambitu tas-Semestru Ewropew. L-Istati Membri li jipproponu modifika tal-RRP tagħhom se jkollhom juru li l-miżuri jindirizzaw b'mod effettiv ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż maħruġa f'dak il-kuntest. Ir-rappurtar dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-miżuri u l-azzjonijiet inklużi fil-kapitoli nazzjonali tar-REPowerEU se jsir fil-qafas eżistenti tas-Semestru Ewropew, kif previst mir-Regolament dwar l-RRF.

Il-proposta tal-Kummissjoni tal-14 ta' Lulju 2021, COM (2021) 571, tipproponi li temenda d-Deċiżjoni dwar l-MSR sabiex testendi l-irduppjar tar-rata ta' inkorporazzjoni u r-riżerva minima sal-2030. L-għan tal-proposta huwa li tiżgura li l-objettivi fit-tul tal-MSR f'termini tat-tnaqqis tas-surplus u l-iżgurar tar-reżiljenza tas-suq ma jiġux affettwati. Fuq medda qasira ta' żmien, madankollu, is-sitwazzjoni eċċezzjonali fis-swieq tal-enerġija kkawżata mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja tirrikjedi li l-Unjoni timmobilizza r-riżorsi kollha disponibbli biex tħaffef it-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili Russi. Għal dan l-għan, parti mill-kwoti attwalment miżmuma fl-MSR, li tikkorrispondi għal valur tas-suq ta' EUR 20 biljun, jenħtieġ li tiġi rilaxxata u allokata lill-RRF sabiex jiġu promossi l-objettivi tar-REPowerEU. L-emendi proposti huma parti minn firxa usa' ta' miżuri meħuda mill-Unjoni b'reazzjoni għax-xenarju soċjoekonomiku u ġeopolitiku mibdul fil-kuntest tar-REPowerEU, jiġifieri l-proposta għal Regolament dwar il-ħżin tal-gass, il-proposta dwar id-disinn tas-suq

tal-enerġija, il-Pjattaforma għal xiri konġunt tal-gass, u l-Istrateġija Solari tal-UE. Dawk l-istrumenti huma komplementari, billi din il-proposta tiffoka fuq l-inċentivar u l-abilitazzjoni tal-azzjonijiet tar-REPowerEU fil-livell nazzjonali, filwaqt li dawk il-miżuri l-oħra jindirizzaw id-dimensjoni Ewropea tar-REPowerEU.

**Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija konsistenti u tiżgura l-komplementarjetà u s-sinerġiji ma' politiki oħrajn tal-Unjoni.

B'mod partikolari, il-proposta hija konsistenti ma' sett usa' ta' inizjattivi biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-enerġija tal-Unjoni, b'mod partikolari l-proposti tal-Kummissjoni "Lesti għall-Mira ta' 55 %", bħar-reviżjoni tat-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija (id-Direttiva 2009/73/UE u r-Regolament 715/2009/UE), ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (id-Direttiva (UE) 2018/2001) u r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika (id-Direttiva 2012/27/UE), li mistennija joħolqu sistema tal-enerġija reżiljenti u sostenibbli fl-Unjoni.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

F'konformità mal-Artikolu 175 (it-tielet paragrafu) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-regolament propost għandu l-għan li jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-koeżjoni, permezz ta' miżuri li jippermettu lill-Istati Membri jnaqqsu d-dipendenza esterna fuq l-enerġija mill-fjuwils fossili u jżidu s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tagħhom, billi jsaħħu l-produzzjoni u l-provvista ta' enerġija sostenibbli fl-Unjoni u jiġbru flimkien ir-riżorsi bejn l-Istati Membri u bejn ir-reġjuni. L-għan ġenerali huwa li tiġi żgurata provvista tal-enerġija sostenibbli u sikura għall-Istati Membri u ċ-ċittadini kollha fl-Unjoni, filwaqt li jitqiesu d-disparitajiet nazzjonali u reġjonali qawwija, u filwaqt li tiġi promossa l-ġustizzja soċjali u tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta u inklużiva li ma tħalli l-ebda reġjun u l-ebda persuna l-art. Is-sitwazzjoni ġeopolitika attwali enfasizzat id-differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri u r-reġjuni fir-rigward tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u speċjalment fuq dawk importati mir-Russja. B'din l-inizjattiva l-UE qed taħdem flimkien mal-Istati Membri kollha u tiġbor fondi minn diversi sorsi tal-UE biex ixxerred ir-riżorsi b'mod ġust u tappoġġa azzjonijiet immirati lejn l-isfidi speċifiċi tal-enerġija ffaċċati minn kull Stat Membru.

F'konformità mal-Artikolu 177, l-ewwel paragrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-regolament propost, billi jżid il-flessibbiltà biex isiru trasferimenti mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni, għandu impatt fuq l-organizzazzjoni tal-Fondi Strutturali.

F'konformità mal-Artikolu 192, l-ewwel paragrafu, u l-Artikolu 194, it-tieni paragrafu tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-regolament propost għandu l-għan li jintroduċi bidliet fis-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni sabiex jikkontribwixxi għall-iżgurar tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni.

F'konformità mal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-regolament propost jistabbilixxi r-regoli finanzjarji għall-implimentazzjoni tal-baġit, billi jintroduċi regoli dwar l-għoti ta' approprjazzjonijiet fir-rigward tad-dħul il-ġdid.

- **Sussidjarjetà**

L-għan ġenerali tal-proposta huwa li tissaħħaħ il-koeżjoni, permezz ta' miżuri li jippermettu lill-Istati Membri jrawmu l-indipendenza u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija nazzjonali u tal-

Unjoni. Għal dak l-għan, il-proposta tistabbilixxi obbligu ġdid fuq l-Istati Membri li jippreżentaw jew jimmodifikaw l-RRPs tagħhom biex jinkludu kapitolu tar-REPowerEU, b'riformi u investimenti speċifiċi li jindirizzaw l-isfidi tagħhom relatati mal-enerġija. Importanti li huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk jixtiqux jiffinanzjaw dawn il-miżuri permezz ta' fondi tal-Unjoni u/jew nazzjonali. L-implimentazzjoni ta' miżuri rilevanti biex l-Unjoni ssir aktar reżiljenti u inqas dipendenti bid-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-provvista tal-enerġija hija kwistjoni ta' interess komuni għall-Unjoni kollha. Hija meħtieġa azzjoni fil-livell tal-Unjoni biex jiġi kkoordinat rispons qawwi għall-isfidi aggravanti relatati mal-enerġija, b'żidiet bla preċedent fil-prezzijiet tal-enerġija li jirriskjaw li jaggravaw id-diverġenzi u l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi, kif ukoll l-iżviluppi ġeopolitiċi inkwetanti fil-fruntiera tal-Unjoni. Barra minn hekk, ċerti reġjuni jiffaċċaw sfidi simili relatati mal-enerġija li jeħtieġu sforzi transfruntieri kkoordinati, li jippermettu li jinħolqu sinerġiji akbar.

L-intervent tal-Unjoni se jġib valur addizzjonali billi jistabbilixxi qafas iddedikat li jippermetti li l-Istati Membri jiġu appoġġati fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti tant meħtieġa relatati mal-enerġija. Se jiġi ġġenerat ukoll valur addizzjonali permezz tal-koordinazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet biex jiġi żgurat rispons koerenti fl-UE kollha, filwaqt li jiġu ppreżentati miżuri mfassla apposta għall-ispeċifiċitajiet ta' kull Stat Membru.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità billi ma tmurx lil hinn mill-minimu meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi ddikjarati fil-livell Ewropew u li huwa meħtieġ għal dak il-għan. Id-diskrezzjoni mogħtija lill-Istati Membri meta jiddeċiedu dwar liema miżuri tar-REPowerEU jixtiequ jappoġġaw permezz tal-finanzjament iddedikat permezz tal-RRF u n-natura kunsenswali tal-kooperazzjoni matul il-proċess kollu jikkostitwixxu garanziji addizzjonali għar-rispett tal-prinċipju tal-proporzjonalità u għall-iżvilupp ta' fiduċja reċiproka u kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni.

- **Għażla tal-istrument**

Biex jitgawda l-qafas diġà żviluppat tal-RFF, regolament li jemenda r-Regolament dwar l-RRF, ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, ir-Regolament li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-politika agrikola komuni, id-Direttiva dwar l-ETS, u d-Deċiżjoni dwar l-MSR huwa strument legali xieraq biex jiġu implimentati l-objettivi tar-REPowerEU.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Fl-1 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni adottat l-ewwel rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-RRF. Ir-rapport juri li sar progress kbir u jikkonferma li l-implimentazzjoni tal-RRF tinsab fi stadju avvanzat.

Fir-rigward tat-tranżizzjoni ekoloġika b'mod speċifiku, huwa stmat li total ta' EUR 224,1 biljun ta' nefqa huwa allokat għal dan il-pilastru tal-RRF, ekwivalenti għal 50 % tan-nefqa totali fit-22 RRP adottati sal-aħħar ta' Marzu 2022. Fir-rigward tal-oqsma ta' politika speċifiċi, 29 % tan-nefqa għat-tranżizzjoni ekoloġika (spiża totali stmata ta' EUR 64,4 biljun) hija ddedikata għall-miżuri tal-effiċjenza enerġetika, 12 % oħra (spiża totali stmata ta' EUR

26,7 biljun) hija ddedikata għall-enerġija nadifa – l-enerġija rinnovabbli u n-networks, u l-proġetti ekoloġiċi multinazzjonali jew transfruntieri jammontaw għal spiża totali stmata li taqbeż is-EUR 27 biljun.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Filwaqt li ma twettqet l-ebda konsultazzjoni formali mal-partijiet ikkonċernati, RePowerEU ġie diskuss b'mod estensiv mal-Istati Membri. Pereżempju, fis-6 ta' April 2022 il-Kummissjoni organizzat diskussjoni dwar proprju dan is-suġġett fil-qafas tal-grupp informali ta' esperti dwar l-implimentazzjoni tal-RFF. Sussegwentement, il-Kummissjoni organizzat sensiela ta' laqgħat bilaterali ddedikati ma' kull Stat Membru biex tiddiskuti l-prijoritajiet nazzjonali marbutin mar-REPowerEU.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba n-natura urġenti tal-proposta, ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta se jkollha effett pożittiv fuq iż-żamma u l-iżvilupp tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni, dejjem ladarba l-Istati Membri jitolbu u jirċievu appoġġ f'oqsma relatati. Pereżempju, ir-riformi u l-investimenti relatati ma' oqsma bħall-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku jistgħu jappoġġaw id-drittijiet fundamentali tal-Unjoni bħad-dritt għall-integrità tal-persuna.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-pakkett finanzjarju tal-Faċilità għandu jiżdied b'EUR 20 biljun (fi prezzijiet attwali) li se jiġu ffinanzjati mill-irkant tal-kwoti tal-ETS. L-ammont se jkun disponibbli għall-Istati Membri fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli taħt ġestjoni diretta biex jappoġġa esklussivament ir-riformi u l-investimenti inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU. L-ammont għall-appoġġ mhux ripagabbli jirrappreżenta dħul assenjat estern fis-sens tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju.

Barra minn hekk, l-Istati Membri se jkollhom il-possibbiltà li jittrasferixxu sa 12,5 % tal-allokazzjoni tagħhom permezz tal-politika ta' koeżjoni lill-RRF; nibnu fuq il-possibbiltà ta' trasferiment ta' 5 % diġà disponibbli (sa EUR 17,9 biljun) u nżidu possibbiltà ta' trasferiment ta' 7,5 % għall-objettivi tar-REPowerEU biss (sa EUR 26,9 biljun). L-Istati Membri se jkollhom ukoll il-possibbiltà li jittrasferixxu sa 12,5 % tal-allokazzjoni inizjali tagħhom bil-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR") (sa EUR 7,5 biljun) lill-RFF sabiex jappoġġaw miżuri inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU.

It-trasferimenti volontarji ta' approprjazzjonijiet ta' impenn mill-fondi rregolati mir-RDK u l-FAEŻR se jwasslu biex jibdew isiru impenji mill-2022 għall-fondi tas-CPR u mill-2023 għall-FAEŻR, u huma kompatibbli mal-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 għall-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-Intestaturi 2a u 3. Il-pagamenti se jsiru matul il-perjodu mill-2023 sal-2026, f'konformità mal-iskadenzi għall-implimentazzjoni tal-RRF. L-impatt annwali eżatt se jiddependi fuq l-ammonti attwalment trasferiti mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni se tqis it-trasferimenti fil-proċedura baġitarja annwali, bil-pagamenti implimentati soġġetti għad-disponibbiltà tal-fondi.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-proposta hija bbażata fuq modalitajiet eżistenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar tal-progress tar-riformi u l-investimenti inklużi fl-RRPs, skont ir-Regolament dwar l-RRF. Il-miżuri inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU se jkunu soġġetti għall-istess arranġamenti ta' monitoraġġ bħal miżuri oħrajn tal-RRF, b'indikatur tal-prestazzjoni addizzjonali mfassal biex isegwi l-progress fil-konfront tal-objettivi tar-REPowerEU.

Biex jiġu żgurati s-sinerġiji u l-komplementarjetà, jenħtieġ li l-kapitolu l-ġdid tar-REPowerEU jipprovdi wkoll informazzjoni dwar azzjonijiet li għandhom l-għan li jiksbu l-objettivi tar-REPowerEU li ma għandhomx jiġu ffinanzjati bl-RRF, iżda permezz ta' fondi nazzjonali jew fondi oħra tal-Unjoni. Dawk l-azzjonijiet se jiġu mmonitorjati fil-qafas eżistenti tas-Semestru Ewropew, kif previst mir-Regolament dwar l-RRF, b'komplementarjetà sħiħa mal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima skont ir-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika. Dan jippermetti lill-Istati Membri jipprovdu ħarsa ġenerali komprensiva tal-azzjoni ta' politika ppjanata biex jintlaħqu l-objettivi tar-REPowerEU, biex jiġi żgurat li kull riforma u investiment jiġu appoġġati mill-aktar sors ta' finanzjament adegwat filwaqt li jitqiesu l-kamp ta' applikazzjoni, il-modalitajiet ta' implimentazzjoni u l-iskeda ta' żmien tagħha. Dan jippermetti b'mod partikolari li jiġu sfruttati bl-aħjar mod il-komplementarjetajiet bejn l-RRF u l-fondi ta' Koeżjoni, pereżempju f'termini tal-orizzont ta' implimentazzjoni rispettiv tagħhom.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Din il-proposta tipprevedi emendi mmirati tal-atti legali tal-Unjoni msemmijin iktar 'il fuq biex ikun jista' jkun hemm kontribut akbar għall-objettivi tar-REPowerEU, b'mod partikolari billi l-Istati Membri jiġu inċentivati jippreżentaw addenda ddedikati għall-RRP nazzjonali eżistenti tagħhom.

Għal dan l-għan, il-proposta tintroduċi:

- Emendi għar-Regolament dwar l-RRF:
  - Obbligu fuq l-Istati Membri li jimmodifikaw l-RRPs tagħhom biex jippreżentaw ukoll kapitolu ddedikat tar-REPowerEU, li jiddeskrivi l-miżuri u l-azzjonijiet immirati lejn l-indirizzar tal-objettivi tar-REPowerEU;
  - Eżenzjoni mir-rekwiżit tal-mira diġitali tal-Artikolu 19(3)(f) għal miżuri ġodda inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU (filwaqt li jinżamm ir-rekwiżit tal-mira klimatika tal-Artikolu 19(3)(e));
  - Eżenzjoni mmirata mill-obbligu li jiġi applikat il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" stabbilit fl-Artikolu 5(2) għal riformi u investimenti li jtejbu l-infrastruttura tal-enerġija biex jissodisfaw il-ħtiġijiet immedjati tas-sigurtà tal-provvista taż-żejt u tal-gass, b'mod partikolari biex jippermettu d-diversifikazzjoni tal-provvista fl-interess tal-Unjoni kollha kemm hi,
  - Kriterju ġdid ta' valutazzjoni li jinkludi l-objettivi speċifiċi tar-REPowerEU,
  - Obbligi ta' rappurtar rigward il-Kapitolu tar-REPowerEU.

- Emenda għad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 li ttawwal ir-rata ta' inkorporazzjoni attwali tal-kwoti għar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq sal-2030 u li tipprovdi l-possibbiltà li jiġi rilaxxat u rkantat porzjon tal-kwoti li hemm fiha u li d-dħul iġġenerat jiġi allokat għall-RRF.
- Emenda għad-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi modalitajiet għall-irkantar ta' kwoti rilaxxati mir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq u t-trasferiment tad-dħul iġġenerat ta' EUR 20 biljun għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
- Emenda għar-Regolament (UE) 2021/1060 li tipprovdi possibbiltà għall-Istati Membri li jittrasferixxu sa 7,5 % tal-allokazzjoni nazzjonali tagħhom lill-RRF, minbarra l-possibbiltà eżistenti ta' trasferiment ta' 5 %, biex jappoġġaw ir-riformi u l-investimenti inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU;
- Emenda għar-Regolament (UE) 2021/2115 li tipprovdi possibbiltà biex l-Istati Membri jipprovdu parti mill-FAEŻR permezz tal-RRF, biex jappoġġaw ir-riformi u l-investimenti inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU.

2022/0164 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-Kapitoli tar-REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060, ir-Regolament (UE) 2021/2115, id-Direttiva 2003/87/KE u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175, it-tielet paragrafu, l-Artikolu 177, l-ewwel paragrafu, l-Artikolu 192(1), l-Artikolu 194(2) u l-Artikolu 322(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Mill-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza,[3] avvenimenti ġeopolitiċi bla preċedent u l-konsegwenzi soċjoekonomiċi diretti u indiretti tagħhom affettwaw b'mod konsiderevoli s-soċjetà u l-ekonomija tal-Unjoni. B'mod partikolari, sar aktar ċar minn qatt qabel li s-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni hija indispensabbli għal irkupru li jirnexxi, sostenibbli u inklużiv mill-kriżi tal-COVID-19, peress li hija wkoll fattur ewlieni li jikkontribwixxi għar-reżiljenza tal-ekonomija Ewropea.

(2) Minħabba r-rabtiet diretti bejn irkupru sostenibbli, il-bini tar-reżiljenza tal-Unjoni u s-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni, u r-rwol tagħha għal tranżizzjoni ġusta u inklużiva, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza hija strument adatt sew biex jikkontribwixxi għar-rispons tal-Unjoni għal dawn l-isfidi emerġenti ġodda.

(3) Id-Dikjarazzjoni ta' Versailles tal-10-11 ta' Marzu 2022 tal-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern stiednet lill-Kummissjoni tipproponi sal-aħħar ta' Mejju pjan REPowerEU biex titneħħa gradwalment d-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili Russi, li sussegwentement ġiet imtennija fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24-25 ta'

1 ĠU C , , p. .

2 ĠU C , , p. .

3 Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

Marzu 2022. Dan jenħtieġ li jsir ferm qabel l-2030 b'mod li jkun konsistenti mal-Patt Ekoloġiku tal-UE u l-objettivi klimatiċi għall-2030 u l-2050 minquxa fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima. Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/241 jiġi emendat biex tissaħħaħ il-kapaċità tiegħu li jappoġġa riformi u investimenti ddedikati għad-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija, b'mod partikolari l-fjuwils fossili, biex b'hekk tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Unjoni flimkien ma' ekonomija miftuħa. Jenħtieġ li jingħata wkoll appoġġ għar-riformi u l-investimenti li jżidu l-effiċjenza enerġetika tal-ekonomiji tal-Istati Membri.

(4) Biex jiġu massimizzati l-komplementarjetà, il-konsistenza u l-koerenza tal-politiki u l-azzjonijiet meħuda mill-Unjoni u mill-Istati Membri biex titrawwem l-indipendenza u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, jenħtieġ li dawn ir-riformi u l-investimenti relatati mal-enerġija jiġu stabbiliti permezz ta' "kapitolu tar-REPowerEU" tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza ddedikat għal hekk.

(5) Sabiex jiġi massimizzat il-kamp ta' applikazzjoni tar-rispons tal-Unjoni, l-Istati Membri kollha li jippreżentaw pjan għall-irkupru u r-reżiljenza wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu obbligati jinkludu kapitolu tar-REPowerEU fil-pjan tagħhom. Jenħtieġ li dan ir-rekwiżit japplika, b'mod partikolari, għall-pjanijiet riveduti ppreżentati mill-Istati Membri mit-30 ta' Ġunju 2022 biex titqies il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata.

(6) Jenħtieġ li l-Kapitolu tar-REPowerEU jkun jinkludi riformi u investimenti ġodda li jikkontribwixxu għall-għanijiet tar-REPowerEU. Barra minn hekk, jenħtieġ li dak il-kapitolu jkun fih deskrizzjoni ta' miżuri oħrajn, iffinanzjati minn sorsi li mhumiex il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li jikkontribwixxu għall-objettivi relatati mal-enerġija deskritti fil-Premessa (3). Jenħtieġ li d-deskrizzjoni tkopri miżuri li l-implimentazzjoni tagħhom jenħtieġ li ssir bejn l-1 ta' Frar 2022 u l-31 ta' Diċembru 2026, il-perjodu li matulu għandhom jintlaħqu l-objettivi stabbiliti minn dan ir-Regolament. Fir-rigward tal-infrastruttura tal-gass naturali, biex jiddiversifikaw il-provvista lil hinn mir-Russja, jenħtieġ li l-investimenti u r-riformi tal-Kapitoli tar-REPowerEU, meta jkun rilevanti, jibnu fuq il-bżonnijiet identifikati attwalment permezz tal-valutazzjoni mwettqa u maqbula min-Network Ewropew tal-Operaturi tas-Sistemi ta' Trażmissjoni tal-Gass (European Network of Transmission System Operators for Gas, ENTSOG), stabbiliti fl-ispirtu ta' solidarjetà fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista u jqisu l-miżuri ta' tħejjija msaħħa meħuda biex ikun hemm adattament għal theddid ġeopolitiku ġdid. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li l-Kapitoli tar-REPowerEU jipprovdu spjegazzjoni u kwantifikazzjoni tal-effetti tal-kombinazzjoni tar-riformi u l-investimenti ffinanzjati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-miżuri l-oħrajn iffinanzjati minn sorsi li mhumiex il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

(7) Jenħtieġ li jiżdied kriterju ta' valutazzjoni xieraq biex iservi bħala bażi għall-Kummissjoni biex tivvaluta r-riformi u l-investimenti inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU u biex tiżgura li r-riformi u l-investimenti jkunu adatti biex jintlaħqu l-objettivi speċifiċi relatati mar-REPowerEU. Jenħtieġ li tkun meħtieġa klassifikazzjoni A skont dan il-kriterju ta' valutazzjoni l-ġdid għall-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza rilevanti biex jiġi vvalutat b'mod pożittiv mill-Kummissjoni.

(8) L-investimenti fl-infrastruttura u t-teknoloġiji waħedhom mhumiex biżżejjed biex jiżguraw tnaqqis tad-dipendenza mill-fjuwils fossili. Jenħtieġ li r-riżorsi jkunu ddedikati għat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tan-nies, biex il-forza tax-xogħol tiġi mgħammra ulterjorment b'ħiliet ekoloġiċi. Dan huwa konformi mal-objettiv tal-Fond Soċjali Ewropew Plus, li għandu l-għan li jappoġġa lill-Istati Membri fil-kisba ta'

forza tax-xogħol ta' ħila u reżiljenti li tkun lesta għad-dinja tax-xogħol futura. Fid-dawl ta' hekk, ir-riżorsi trasferiti mill-Fond Soċjali Ewropew Plus jenħtieġ li jgħinu biex jappoġġaw miżuri għat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol. Il-Kummissjoni se tivvaluta jekk il-miżuri inklużi fil-Kapitoli tar-REPowerEU jikkontribwux b'mod sinifikanti għall-appoġġ ta' rikwalifikazzjoni tal-forza tax-xogħol lejn ħiliet ekoloġiċi.

(9) Jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dan ir-reġim tkun mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti legali l-oħrajn kollha skont ir-Regolament (UE) 2021/241 sakemm dan ir-Regolament ma jipprovdix mod ieħor.

(10) Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż il-Kapitolu tar-REPowerEU, jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti, jew subsett sinifikanti minnhom, inklużi r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li jridu jiġu adottati skont iċ-ċiklu tas-Semestru 2022 li jirreferu, fost l-oħrajn, għall-isfidi tal-enerġija li qed jiffaċċaw l-Istati Membri.

(11) Tranżizzjoni effettiva lejn enerġija ekoloġika u tnaqqis tad-dipendenza enerġetika jinvolvu investimenti diġitali sinifikanti. Fid-dawl tar-Regolament (UE) 2021/241, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu spjegazzjoni ta' kif il-miżuri fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inklużi dawk inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU, mistennija jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-isfidi li jirriżultaw minnha u ta' jekk jikkostitwux ammont li jikkontribwixxi għall-mira diġitali fuq il-bażi tal-metodoloġija għall-ittaggjar diġitali. Madankollu, minħabba l-urġenza bla preċedent u l-importanza tal-isfidi tal-enerġija li qed tiffaċċa l-Unjoni, ir-riformi u l-investimenti inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU jenħtieġ li ma jitqisux meta tiġi kkalkulata l-allokazzjoni totali tal-pjan għall-fini tal-applikazzjoni tar-rekwiżit tal-mira diġitali stabbilita mir-Regolament (UE) 2021/241.

(12) Skont l-Artikolu 18(4)(q) tar-Regolament (UE) 2021/241, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu wkoll sommarju tal-proċess ta' konsultazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn, inkluż, kif rilevanti, mis-settur agrikolu, għar-riformi u l-investimenti inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU. Jenħtieġ li dawn is-sommarji jispjegaw l-eżitu ta' dawk il-konsultazzjonijiet u jiddeskrivu kif il-kontribut irċevut ġie rifless fil-Kapitoli tar-REPowerEU.

(13) L-applikazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-investimenti u r-riformi mwettqin bħala parti mill-irkupru mill-pandemija jiġu implimentati b'mod sostenibbli. Jenħtieġ li tkompli tapplika għar-riformi u l-investimenti appoġġati mill-Faċilità, b'eżenzjoni mmirata waħda biex jiġi ssalvagwardjat it-tħassib immedjat tal-UE dwar is-sigurtà tal-enerġija. Meta jitqies l-objettiv tad-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija lil hinn mill-fornituri Russi, jenħtieġ li r-riformi u l-investimenti stabbiliti f'dawk il-Kapitoli tar-REPowerEU li għandhom l-għan li jtejbu l-infrastruttura u l-faċilitajiet tal-enerġija biex jissodisfaw il-ħtiġijiet immedjati tas-sigurtà tal-provvista taż-żejt u tal-gass ma jkunux obbligati jikkonformaw mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u għalhekk jenħtieġ li jiġu eżentati minn tali valutazzjoni.

(14) Jenħtieġ li jiġu pprovduti aktar inċentivi għall-Istati Membri biex jitolbu self, permezz tal-kjarifika tal-proċedura tal-allokazzjoni tas-self. F'konformità mar-Regolament (UE) 2021/241, l-Istati Membri jistgħu jitolbu self sal-31 ta' Awwissu 2023. Jenħtieġ li l-intenzjoni li tiġi ppreżentata talba għal self tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni 30

jum wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sabiex ir-ridistribuzzjoni tal-fondi li jifdal tkun tista' titwettaq b'mod ordnat.

(15) Barra minn hekk, biex jiġi inċentivat livell għoli ta' ambizzjoni għar-riformi u l-investimenti li jridu jiġu inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU, jenħtieġ li jiġu pprovduti sorsi ta' finanzjament dedikati ġodda.

(16) Filwaqt li l-estensjoni tar-rata attwali ta' inkorporazzjoni tal-kwoti għar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq hija meħtieġa biex tiġi evitata fit-terminu t-twil żieda sinifikanti fis-surplus tal-kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni, is-sitwazzjoni ekonomika u ġeopolitika attwali tirrikjedi li l-Unjoni timmobilizza r-riżorsi disponibbli biex tiddiversifika malajr il-provvista tal-enerġija tal-Unjoni u tnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] u d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] jiġu emendati biex jestendu l-irduppjar tar-rata ta' inkorporazzjoni ta' 24 % tar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq sal-2030, filwaqt li jippermettu rilaxx u monetizzazzjoni eċċezzjonali ta' porzjon tal-kwoti mir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq u jidderieġu d-dħul lejn riformi u investimenti li jikkontribwixxu għall-objettivi tar-REPowerEU, fil-qafas tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

(17) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] jenħtieġ li jiġi emendat biex jipprevedi l-possibbiltà li jiġu ttrasferiti sa 7,5 % tar-riżorsi tal-programmi ta' ġestjoni kondiviża rregolati minn dak ir-Regolament għall-Faċilità għall-kisba tal-objettivi tar-REPowerEU, flimkien mal-possibbiltà ta' trasferiment eżistenti ta' sa 5 %. Possibbiltà bħal din hija ġġustifikata mill-ħtieġa li jiġu koperti l-objettivi tar-REPowerEU, filwaqt li l-Istati Membri jingħataw flessibbiltà addizzjonali biex jindirizzaw dawk il-ħtiġijiet urġenti. Barra minn hekk, il-Faċilità tippermetti żborż rapidu ta' fondi, li jagħmilha partikolarment adatta sew għall-finanzjament ta' miżuri urġenti relatati mal-enerġija. Jenħtieġ li trasferimenti ta' dan it-tip jkunu ġġustifikati minn ħtiġijiet finanzjarji ogħla marbutin ma' riformi u investimenti addizzjonali inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU.

(18) Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] jenħtieġ li jiġi emendat ukoll biex jippermetti l-possibbiltà li jiġi pprovdut sa 12,5 % tal-Fond

---

4 Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' skambju tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u li temenda d-Direttiva 2003/87/KE, ĠU L 264/1

5 Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE

6 Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

7 Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1).

Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Tali metodu ta' implimentazzjoni huwa ġġustifikat mill-komplementarjetà u s-sinerġiji bejn dawn l-istrumenti fir-rigward tal-objettivi tat-tnaqqis tal-użu ta' fertilizzanti sintetiċi, jew iż-żieda fil-produzzjoni ta' bijometan sostenibbli jew enerġija rinnovabbli, f'konformità mal-objettivi tal-Politika Agrikola Komuni stabbiliti fl-Artikolu 39 TFUE. Jenħtieġ li l-implimentazzjoni permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza taċċellera l-iżborż ta' fondi lill-benefiċjarji mis-settur agrikolu li huwa vitali meta titqies l-urġenza tal-objettivi relatati mal-enerġija.

(19) L-iżborżi permezz tar-REPowerEU għandhom isiru skont ir-regoli tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza sa tmiem l-2026. Il-pagamenti relatati mar-riżorsi trasferiti minn fondi ta' ġestjoni kondiviża għandhom ikunu soġġetti għad-disponibbiltà ta' fondi approvati fil-baġit annwali tal-UE.

(20) Talba għal finanzjament iddedikat għall-miżuri tar-REPowerEU, inklużi allokazzjoni mir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq, trasferimenti mill-fondi rregolati mir-Regolament (UE) 2021/1060 u allokati mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, ippreżentata fi pjan, jenħtieġ li tkun iġġustifikata minn ħtieġa finanzjarja akbar marbuta ma' riformi u investimenti addizzjonali inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU.

(21) Jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti deskritti fil-Kapitolu tar-REPowerEU u l-kontribut tagħhom għall-objettivi tar-REPowerEU, kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/241.

(22) L-avvenimenti ġeopolitiċi reċenti affettwaw il-prezzijiet tal-enerġija u tal-materjali tal-kostruzzjoni u kkawżaw ukoll nuqqasijiet fil-ktajjen tal-provvista globali. Dawn l-iżviluppi jista' jkollhom impatt dirett fuq il-kapaċità li jiġu implimentati xi investimenti inklużi fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza. Sitwazzjonijiet bħal dawn jistgħu jiġu invokati bħala ċirkostanzi oġġettivi skont l-Artikolu 21 sal-punt li l-Istati Membri jkunu jistgħu juru li żviluppi ta' dan it-tip iwasslu biex stadji importanti jew miri speċifiċi ma jibqgħux jistgħu jintlaħqu. Dawn l-iżviluppi ma jistgħux jikkostitwixxu ċirkostanzi oġġettivi għar-reviżjoni tar-riformi, peress li r-riformi ġeneralment ma jiddependux mill-kostijiet. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-ebda talba għal emendi ma timmina l-implimentazzjoni ġenerali tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) 2021/241 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 4, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. F'konformità mas-sitt pilastri msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, il-koerenza u s-sinerġiji li jiġġeneraw, u fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19, l-objettiv ġenerali tal-Faċilità għandu jkun li tippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi ttejjeb ir-reżiljenza, it-tħejjija għall-kriżijiet, il-kapaċità ta' aġġustament u l-potenzjal ta' tkabbir tal-Istati Membri, billi ttaffi l-impatt soċjali u ekonomiku ta' dik il-kriżi, b'mod partikolari fuq in-nisa, billi tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, billi tappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika, billi tikkontribwixxi għall-ksib tal-miri klimatiċi tal-2030 tal-Unjoni stabbiliti fil-punt (11) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2018/1999**,** ~~u~~ billi tikkonforma mal-objettiv ta' newtralità klimatika tal-UE sal-2050, u tat-tranżizzjoni diġitali, **billi żżid ir-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija permezz ta' tnaqqis fid-**

**dipendenza fuq il-fjuwils fossili u d-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija fil-livell tal-Unjoni ("l-objettivi tar-REPowerEU")** u b'hekk tikkontribwixxi għall-konverġenza ekonomika u soċjali 'l fuq, għall-ksib mill-ġdid u l-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli u l-integrazzjoni tal-ekonomiji tal-Unjoni, it-trawwim tal-ħolqien tal-impjiegi b'livell għoli ta' kwalità, u tikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni flimkien ma' ekonomija miftuħa, u tiġġenera valur miżjud Ewropew."

(2) L-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 3, il-punt segwenti jiddaħħal bħala l-punt (b):

"(ba) meta jkun applikabbli, ir-riformi u l-investimenti f'konformità mal-Artikolu 21c(1);";

(b) il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. L-appoġġ fil-forma ta' self għall-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istat Membru kkonċernat ma għandux ikun ogħla mid-differenza bejn il-kost totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif rivedut jekk rilevanti, u l-kontribuzzjoni finanzjarja massima msemmija fl-Artikolu 11. **inkluż, jekk rilevanti, id-dħul imsemmi fl-Artikolu 21a kif ukoll, jekk rilevanti, ir-riżorsi minn programmi ta' ġestjoni kondiviża biex jiġu appoġġati l-objettivi tar-REPowerEU msemmijin fl-Artikolu 21b."**

(c) il-paragrafu 6 jinbidel b'dan li ġej:

"6. B'deroga mill-paragrafu 5, soġġett għad-disponibbiltà tar-riżorsi, l-ammont tal-appoġġ fil-forma ta' self jista', f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jiżdied, **b'kont meħud tal-ħtiġijiet tal-Istat Membru rikjedenti, kif ukoll it-talbiet għal appoġġ fil-forma ta' self diġà ppreżentati jew ippjanati li jiġu ppreżentati minn Stati Membri oħrajn, filwaqt li jiġu applikati l-prinċipji ta' trattament ugwali, solidarjetà, proporzjonalità u trasparenza. Biex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni fi żmien 30 jum wara [id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], jekk ikollhomx l-intenzjoni li jitolbu appoġġ fil-forma ta' self."**

(3) Fl-Artikolu 18(4)(q) tiddaħħal is-sentenza li ġejja:

"(q) għat-tħejjija u, fejn disponibbli, għall-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, sommarju tal-proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq skont il-qafas legali nazzjonali, tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, u kif l-input tal-partijiet ikkonċernati huwa rifless fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza; **b'mod partikolari, is-sommarju tal-proċess ta' konsultazzjoni għandu jispjega l-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn dwar ir-riformi u l-investimenti inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU u jiddeskrivi kif il-kontribut irċevut ġie rifless fil-Kapitolu tar-REPowerEU;"**

(4) Fl-Artikolu 19(3), jiddaħħal il-punt li ġej:

"(da) jekk ir-riformi u l-investimenti msemmijin fl-Artikolu 21c(1) jikkontribwux b'mod effettiv għad-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni jew għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.";

(5) Fl-Artikolu 23, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"Ladarba l-Kunsill ikun adotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni kif msemmi fl-Artikolu 20(1), il-Kummissjoni għandha tikkonkludi ftehim mal-Istat Membru kkonċernat li jikkostitwixxi impenn legali individwali fis-sens tar-Regolament Finanzjarju. Għal kull Stat Membru, l-impenn legali ma għandux jaqbeż i**t-total ta**l-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 11(1) għall-2021 u 2022, il-kontribuzzjoni finanzjarja aġġornata msemmija fl-Artikolu 11(2) għall-2023 **u l-ammont ikkalkulat skont l-Artikolu 21a(2)**."

(6) Il-Kapitolu li ġej jiddaħħal wara l-Kapitolu III:

"KAPITOLU IIIa

REPowerEU

*Artikolu 21a*

**Dħul ġdid**

(1) EUR 20 000 000 000 fi prezzijiet attwali għandhom ikunu disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 10e(4) tad-Direttiva 2003/87/KE, għall-implimentazzjoni skont dan ir-Regolament biex tiżdied ir-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni permezz ta' tnaqqis fid-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u d-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija fil-livell tal-Unjoni. Dak l-ammont għandu jkun disponibbli fil-forma ta' dħul assenjat estern fis-sens tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju.

(2) Is-sehem tar-riżorsi msemmijin fil-paragrafu 1 disponibbli għal kull Stat Membru għandu jiġi kkalkulat fuq il-bażi tal-indikaturi definiti għall-kontribuzzjoni finanzjarja massima, kif stabbilit fil-metodoloġija fl-Anness II għal 70 % tal-ammont u l-metodoloġija stabbilita fl-Anness III għal 30 % tal-ammont.

(3) L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi allokat esklużivament għall-miżuri msemmijin fl-Artikolu 21c(1).

(4) L-approprjazzjonijiet ta' impenn li jkopru l-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom ikunu disponibbli awtomatikament sal-ammonti rispettivi msemmijin f'dak il-paragrafu minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

(5) Kull Stat Membru jista' jippreżenta talba lill-Kummissjoni għall-allokazzjoni ta' ammont li ma jaqbiżx is-sehem tiegħu, billi jinkludi fil-pjan tiegħu r-riformi u l-investimenti deskritti fl-Artikolu 21c(1) u jindika l-istima tal-kostijiet tagħhom.

(6) Id-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill adottata skont l-Artikolu 20(1) wara proposta mill-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-ammont tad-dħul imsemmi fl-Artikolu 10e(1) tad-Direttiva 2003/87/KE allokat lill-Istat Membru wara l-applikazzjoni tal-paragrafu 2, li jrid jitħallas f'pagamenti parzjali, soġġett għall-finanzjament disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 24 ta' dan ir-Regolament, ladarba l-Istat Membru jkun laħaq b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-miżuri msemmijin fl-Artikolu 21c(1).

Artikolu 21b

**Riżorsi minn programmi b'ġestjoni kondiviża għall-appoġġ tal-objettivi tar-REPowerEU**

(1) Ir-riżorsi allokati lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, b'talba tagħhom, jiġu ttrasferiti jew allokati għall-Faċilità soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 26a tar-Regolament (UE) 2021/1060 u l-Artikolu 81a tar-Regolament (UE) 2021/2115. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw esklużivament għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat.

(a) Ir-riżorsi jistgħu jiġu ttrasferiti skont l-Artikolu 26a tar-Regolament (UE) 2021/1060 għall-miżuri ta' appoġġ imsemmijin fl-Artikolu 21c(1) ta' dan ir-Regolament, dment li l-Istat Membru jkun diġà talab trasferimenti minn Fond partikolari sal-limitu massimu ta' 5 % f'konformità mal-ewwel u mat-tieni subparagrafi tal-Artikolu 26(1).

(b) Ir-riżorsi allokati skont l-Artikolu 81a tar-Regolament (UE) 2021/2115 għandhom jappoġġaw il-miżuri fl-Artikolu 21c(1)(b) ta' dan ir-Regolament għall-investimenti fil-farms għall-benefiċċju tal-bdiewa jew tal-gruppi ta' bdiewa, b'mod partikolari biex jikkontribwixxu għat-tnaqqis fl-użu ta' fertilizzanti inorganiċi, għaż-żieda fil-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u tal-bijometan sostenibbli, u għat-tisħiħ tal-effiċjenza enerġetika.

(2) Il-pagamenti għandhom isiru f'konformità mal-Artikolu 24 ta' dan ir-Regolament u soġġetti għall-finanzjament disponibbli.

(3) Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi direttament f'konformità mal-Artikolu 62(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) tar-Regolament Finanzjarju.

*Artikolu 21c*

**Il-Kapitolu tar-REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza**

(1) Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ppreżentat lill-Kummissjoni wara [id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] għandu jinkludi kapitolu tar-REPowerEU. Il-Kapitolu tar-REPowerEU għandu jiddeskrivi r-riformi u l-investimenti, bl-istadji importanti u l-miri korrispondenti tagħhom, minbarra l-miżuri msemmijin fil-paragrafu 2(a), bl-għan li jikkontribwixxi għall-objettivi tar-REPowerEU, billi:

(a) itejjeb l-infrastruttura u l-faċilitajiet tal-enerġija biex jissodisfaw il-ħtiġijiet immedjati tas-sigurtà tal-provvista taż-żejt u tal-gass, b'mod partikolari biex tkun permessa d-diversifikazzjoni tal-provvista fl-interess tal-Unjoni kollha kemm hi,

(b) isaħħaħ l-effiċjenza enerġetika fil-bini, jiddekarbonizza l-industrija, iżid il-produzzjoni u l-użu ta' bijometan sostenibbli u l-idroġenu rinnovabbli jew mhux fossili u jżid is-sehem tal-enerġija rinnovabbli,

(c) jindirizza l-konġestjonijiet interni u transfruntieri fit-trażmissjoni tal-enerġija u jappoġġa t-trasport b'emissjonijiet żero u l-infrastruttura tiegħu, inklużi l-ferroviji,

(d) jappoġġa l-objettivi fil-punti (a), (b) u (c) permezz ta' rikwalifikazzjoni aċċellerata tal-forza tax-xogħol lejn ħiliet ekoloġiċi, kif ukoll appoġġ għall-ktajjen tal-valur f'materjali u teknoloġiji ewlenin marbutin mat-tranżizzjoni ekoloġika.

(2) Il-Kapitolu tar-REPowerEU għandu jkun fih ukoll:

(a) Meta jkun applikabbli, deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti fid-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill diġà adottati li mistennija jikkontribwixxu għall-objettivi tar-REPowerEU;

(b) deskrizzjoni ta' miżuri oħrajn li jikkontribwixxu għall-objettivi tar-REPowerEU b'kalendarju korrispondenti, li jrid jiġi implimentat mill-1 ta' Frar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2026 mingħajr appoġġ finanzjarju taħt il-Faċilità;

(c) spjegazzjoni dwar kif il-kombinazzjoni tal-miżuri msemmijin fil-paragrafu 1 u l-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu hija koerenti, effettiva u mistennija li tikkontribwixxi għall-objettivi tar-REPowerEU, inkluża kwantifikazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija.

(3) L-istima tal-kostijiet tar-riformi u l-investimenti tal-Kapitolu tar-REPowerEU skont il-paragrafu 1 ma għandhomx jitqiesu għall-kalkolu tal-allokazzjoni totali tal-pjan skont l-Artikolu 18(4)(f) u l-Artikolu 19(3)(f).

(4) B'deroga mill-Artikoli 5(2), 17(4), 18(4)(d) u 19(3)(d), il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 ma għandux japplika għar-riformi u l-investimenti li mistennijin jikkontribwixxu għall-objettivi tar-REPowerEU skont il-paragrafu 1(a) ta' dan l-Artikolu.

(5) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu applikabbli *mutatis mutandis* għar-riformi u l-investimenti tal-Kapitolu tar-REPowerEU, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor.

Artikolu 21d

**Monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Kapitoli tar-REPowerEU**

(1) Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-miżuri deskritti fil-Kapitolu tar-REPowerEU u l-kontribut tagħhom għall-objettivi tar-REPowerEU.

(2) Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni dwar il-progress tal-implimentazzjoni tal-Kapitolu tar-REPowerEU fir-rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 31."

(7) L-Anness V huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament (UE) 2021/1060 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 11(1), jiżdied il-punt li ġej:

"(e) fejn applikabbli, it-tqassim tar-riżorsi finanzjarji skont il-kategorija tar-reġjun, magħmul f'konformità mal-Artikolu 108(2) u l-ammonti ta' allokazzjonijiet proposti li jridu jiġu trasferiti skont l-Artikoli 26, **26a** u 111, inkluż ġustifikazzjoni għal trasferimenti bħal dawn;"

(2) Fl-Artikolu 22(3)(g), jiżdied il-punt li ġej:

"(i) tabella li tispeċifika l-allokazzjonijiet finanzjarji totali għal kull wieħed mill-Fondi u, fejn applikabbli, għal kull kategorija ta' reġjun għall-perjodu ta'

programmazzjoni kollu u skont is-sena, inkluż kull ammont trasferit skont l-Artikolu 26, **l-Artikolu 26a** jew 27;"

(3) Fl-Artikolu 26(1), jiddaħħal dan li ġej wara tmiem l-ewwel subparagrafu:

"Meta l-Ftehim ta' Sħubija jkun ġie approvat u programm wieħed jew aktar ikunu għadhom ma ġewx adottati, jista' jintalab trasferiment għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/241 permezz ta' notifika ta' reviżjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(1)(c), (e) u (h) f'konformità mal-Artikolu 69(9)."

(4) Fl-Artikolu 26(1), jiddaħħal is-subparagrafu l-ġdid li ġej:

2. B'deroga mill-Artikolu 40(2)(d) u l-paragrafu ta' fuq dan, il-kumitat ta' monitoraġġ għandu jiġi kkonsultat dwar l-emenda tal-programm, meta din l-emenda tkun strettament limitata għal dak li huwa meħtieġ għall-finijiet tat-trasferiment għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

"3. Meta l-Ftehim ta' Sħubija jkun ġie approvat u t-trasferiment jintalab bħala parti minn preżentazzjoni ta' programm, l-inkonsistenza li tirriżulta ma għandhiex titqies meta jiġi vvalutat il-programm skont l-Artikolu 23(1)."

(5) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 26a

**Trasferiment għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza**

(1) L-Istati Membri li jippreżentaw lill-Kummissjoni pjan għall-irkupru u r-reżiljenza li jkun fih kapitolu tar-REPowerEU f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/241 jistgħu jitolbu t-trasferiment ta' sa 7,5 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali tagħhom ta' kull Fond għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, dment li l-Istat Membru jkun diġà talab trasferimenti minn dak il-Fond speċifiku sal-limitu massimu ta' 5 % f'konformità mal-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Artikolu 26(1). It-talba għal trasferiment għandha ssir jew fil-Ftehim ta' Sħubija, inkluż permezz tan-notifika ta' reviżjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(1)(c), (e) u (h) f'konformità mal-Artikolu 69(9) jew f'talba għal emenda ta' programm. Meta t-talba għal trasferiment tikkonċerna emenda ta' programm, jistgħu jiġu trasferiti biss riżorsi ta' snin kalendarji futuri. Trasferimenti ta' dan it-tip għandhom ikunu addizzjonali għall-possibbiltà ta' trasferiment ta' riżorsi previsti skont l-Artikolu 26 ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-riżorsi trasferiti għandhom jiġu implimentati f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2021/241 u għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat.

(3) Meta l-Ftehim ta' Sħubija jkun ġie approvat u t-trasferiment jintalab qabel l-approvazzjoni ta' programm wieħed jew iktar, l-inkonsistenza li tirriżulta bejn il-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi ma għandhiex titqies meta jiġi vvalutat il-programm skont l-Artikolu 23(1). F'każijiet bħal dawn, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta reviżjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(1)(c), (e) u (h), li għandha tikkostitwixxi talba għal trasferiment fis-sens ta' dan l-Artikolu.

(4) Meta programm jeħtieġ li jiġi emendat għall-fini ta' trasferimenti stabbiliti f'dan l-Artikolu, b'deroga mill-Artikolu 24(2) u (4), il-Kummissjoni għandha tadotta jew tirrifjuta l-emenda fir-rigward tat-trasferiment u l-bidliet li jirriżultaw fil-programm fi żmien xahar wara d-data tal-preżentazzjoni tal-programm mill-Istat Membru. B'deroga mill-Artikolu 40(2)(d), il-kumitat ta' monitoraġġ għandu jiġi kkonsultat dwar l-emenda tal-programm. It-talbiet għal emenda ta' programm għandhom jistabbilixxu l-ammont totali trasferit għal kull sena skont il-Fond u skont il-kategorija ta' reġjun, meta jkun applikabbli.

(5) Ir-riżorsi tal-JTF, inkluż kull riżorsa ttrasferita mill-FEŻR u mill-FSE+ f'konformità mal-Artikolu 27, ma għandhomx ikunu trasferibbli għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza skont dan l-Artikolu.

(6) Meta l-Kummissjoni ma tkunx daħlet f'impenn legali għar-riżorsi trasferiti f'konformità mal-paragrafu 1, ir-riżorsi mhux impenjati korrispondenti jistgħu jiġu ttrasferiti lura lejn il-Fond minn fejn ikunu ġew inizjalment trasferiti u jiġu allokati għal programm wieħed jew aktar, f'konformità mad-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 26(7), 26(8) u 26(9)."

(6) L-Annessi II u V huma emendati f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Ir-Regolament (UE) 2021/2115 huwa emendat kif ġej:

(1) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

Artikolu 81a

**L-użu tal-FAEŻR permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza**

(1) L-Istati Membri li jippreżentaw lill-Kummissjoni pjan għall-irkupru u r-reżiljenza li jkun fih kapitolu tar-REPowerEU f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistgħu jallokaw, fil-proposta għal Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 118 jew fit-talba għal emenda ta' Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 119, sa 12,5 % tal-allokazzjoni inizjali tagħhom għall-FAEŻR lill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

(2) L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-ammont totali kontribwit għal kull sena. Fil-każ ta' talba għall-emenda ta' Pjan Strateġiku tal-PAK, dawk l-ammonti għandhom jikkonċernaw snin futuri biss.

(3) Meta Pjan strateġiku tal-PAK jeħtieġ li jiġi emendat għall-fini ta' trasferimenti stabbiliti f'dan l-Artikolu, b'deroga mill-Artikolu 119(6), il-Kummissjoni għandha tadotta jew tirrifjuta l-emenda li jkun fiha l-allokazzjoni u l-bidliet li jirriżultaw fil-Pjan Strateġiku tal-PAK fi żmien xahar wara d-data tal-preżentazzjoni tal-programm mill-Istat Membru. L-emenda ma għandhiex tgħodd għan-numru massimu ta' talbiet għal emenda previst fl-Artikolu 119(7).

(4) L-Istati Membri jistgħu jirrevedu l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK proposti għall-fini tal-allokazzjoni stabbilita f'dan l-Artikolu, fi kwalunkwe ħin qabel l-approvazzjoni tagħhom mill-Kummissjoni.

(5) L-allokazzjoni tal-FAEŻR ipprovduta permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, f'konformità mal-paragrafu 1, għandha tiġi inkluża bis-sħiħ:

(a) fil-kalkolu tal-allokazzjoni finanzjarja minima msemmija fl-Artikolu 93(1) u, għall-fini tal-Artikolu 93(3) għandha titqies bħala intervent imsemmi fl-Artikolu 93(2). Għall-kalkolu msemmi fl-Artikolu 93(2) titqies 100 % tan-nefqa allokata;

(b) fil-kalkolu tat-tnaqqis tal-allokazzjoni finanzjarja minima għall-ekoskemi kif definit fl-Artikolu 97(2) u għall-fini tal-Artikolu 97(3) għandha titqies bħala intervent f'konformità mal-Artikoli 70, 72, 73 u 74.

(6) Meta l-Kummissjoni ma tkunx daħlet f'impenn legali għar-riżorsi allokati f'konformità mal-paragrafu 1, ir-riżorsi mhux impenjati korrispondenti jistgħu jiġu trasferiti lura lill-FAEŻR.

(a) Għal dan l-għan, l-Istat Membru għandu jippreżenta talba għal emenda tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK f'konformità mal-Artikolu 119, sa mhux aktar tard minn 4 xhur qabel il-limitu ta' żmien għall-impenji stipulat fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 114(2) tar-Regolament Finanzjarju. Emenda ta' dan it-tip ma għandhiex tgħodd għan-numru massimu ta' talbiet għal emenda previst fl-Artikolu 119(7).

(b) Ir-riżorsi trasferiti lura lill-FAEŻR għandhom jiġu implimentati f'konformità mar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament mid-data tal-preżentazzjoni tat-talba għal emenda tal-programm skont il-punt (a) iktar 'il fuq.

(c) Għar-riżorsi trasferiti lura lill-FAEŻR f'konformità mal-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, il-limitu ta' żmien tad-diżimpenn kif definit fl-Artikolu 34(1) tar-Regolament (UE) 2021/2116 għandu jibda fis-sena li l-impenji baġitarji korrispondenti jsiru fiha.

Fl-Artikolu 112(2), il-punt (d) jinbidel b'dan li ġej:

"(d) meta jkun rilevanti, it-trasferiment tal-allokazzjonijiet tal-Istat Membru mill-FAEŻR għall-appoġġ taħt l-InvestEU jew l-RRF f'konformità mal-Artikolu 81 jew 81a ta' dan ir-Regolament rispettivament, skont ir-Regolament (UE) 2021/783 jew skont ir-Regolament (UE) 2021/817 f'konformità mal-Artikolu 99 ta' dan ir-Regolament;"

*Artikolu 4*

(1) Fid-Direttiva 2003/87/KE, jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

Artikolu 10e

***Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza***

(1) Għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2026, il-kwoti rilaxxati skont l-Artikolu 1(6) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 għandhom jiġu rkantati sakemm l-ammont ta' dħul miksub minn dan l-irkant ikun laħaq l-EUR 20 biljun. Dan id-dħul għandu jsir disponibbli għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 u għandu jiġi implimentat f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament.

(2) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-kwoti destinati għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jiġu rkantati f'konformità mal-prinċipji u l-modalitajiet stabbiliti fl-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 2003/87/KE u f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2010[1].

(3) Il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) għandu jkun l-irkantatur għall-kwoti li jridu jiġu rkantati skont dan l-Artikolu fuq il-pjattaforma tal-irkant innominata skont l-Artikolu 26(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2010[2] u għandu jipprovdi d-dħul mill-irkant lill-Kummissjoni.

(4) Ir-rikavat mill-irkant ta' dawk il-kwoti għandu jikkostitwixxi dħul assenjat estern għall-fini tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill."

*Artikolu 5*

**Emendi għad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814**

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 huwa emendat kif ġej:

Fil-paragrafu 5, l-ewwel subparagrafu, it-tielet sentenza tinbidel b'dan li ġej:

> "B'deroga mill-ewwel u t-tieni sentenzi, sal-31 ta' Diċembru 2030, il-perċentwali u l-100 miljun kwota msemmija f'dawk is-sentenzi għandhom jiġu rduppjati."

Fil-paragrafu 6, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

> "B'deroga mill-ewwel subparagrafu, għal perjodu sal-31 ta' Diċembru 2026, għandhom jinħarġu għadd ta' kwoti mir-riżerva u jiġu rkantati f'konformità mal-Artikolu 10e tad-Direttiva 2003/87/KE, sakemm l-ammont ta' dħul miksub minn tali rkant ikun laħaq l-EUR 20 biljun."

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal Regolament dwar il-Kapitoli tar-REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

| |
|---|
| Koeżjoni<br>Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji |

### 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☐ azzjoni ġdida

☐ **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[8]

☒ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

### 1.4. Objettiv(i)

*1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

| |
|---|
| Ir-Regolament propost għandu l-objettiv ġenerali li jikkontribwixxi għat-tneħħija gradwali tad-dipendenza tal-Unjoni fuq il-fjuwils fossili ferm qabel l-2030, billi jżid ir-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija u jiddiversifika s-sorsi tal-provvista tal-gass permezz ta' importazzjonijiet ogħla ta' LNG u ta' pipelines minn fornituri mhux Russi, u jagħti spinta lill-użu ta' bijometan sostenibbli, jiġifieri prodott minn skart organiku u residwi agrikoli u forestali, u idroġenu rinnovabbli jew mhux fossili ("l-objettivi tar-REPowerEU").<br>L-għan huwa li tissaħħaħ il-koeżjoni billi tiġi żgurata provvista ta' enerġija sostenibbli u sikura fl-isfond tas-sitwazzjoni ġeopolitika attwali, filwaqt li jitqiesu d-disparitajiet nazzjonali u reġjonali. |

*1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

| |
|---|
| <u>Objettiv speċifiku Nru</u><br>L-objettiv speċifiku huwa li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tintuża bħala qafas strateġiku li jistgħu jiġu ffinanzjati r-riformi u l-investimenti ewlenin li jikkontribwixxu għall-objettivi tar-REPowerEU bih. Ir-reġim eżistenti se jiġi kkomplementat minn sorsi ta' finanzjament addizzjonali ddedikati u flessibbiltà akbar għat-trasferiment tar-riżorsi allokati lill-Istati Membri bi programmi oħra. L-objettiv speċifiku se jiġi persegwit f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri kkonċernati. |

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

[8] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

L-Istati Membri se jkollhom il-possibbiltà li jsaħħu l-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, jew biex jirriflettu l-kontribuzzjoni finanzjarja totali aġġornata, jew billi jżidu riformi u investimenti ġodda li jridu jiġu ffinanzjati minn finanzjament addizzjonali. Il-possibbiltajiet eżistenti se jibbenefikaw minn kalibrazzjoni aktar b'saħħitha lejn l-objettivi tar-REPowerEU. Il-modifiki tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza jeħtieġ li jiżguraw li l-fondi li għadhom disponibbli taħt l-RRF jintużaw bl-aktar mod adegwat u effiċjenti, pereżempju biex tiġi avvanzata t-tranżizzjoni lejn l-enerġija rinnovabbli u biex tiġi ddiversifikata l-provvista tal-enerġija.

*1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

**Indikaturi tal-output:**

l-għadd ta' pjanijiet modifikati inkluż Kapitolu tar-REPowerEU kif approvat mill-Kummissjoni;

**Indikaturi tar-riżultati:**

l-għadd ta' miżuri fil-Kapitoli tar-REPowerEU implimentati; kontribut ġenerali għall-objettivi tar-REPowerEU, u b'mod partikolari lejn it-tneħħija gradwali tad-dipendenza tal-Unjoni fuq il-gass Russu.

**Indikaturi tal-impatt:**

l-objettivi tar-REPowerEU persegwiti fil-Kapitoli rispettivi, li nkisbu, fost l-oħrajn, minħabba l-appoġġ finanzjarju rċevut.

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Wara t-tnedija ta' NextGenerationEU fl-2020, l-ekonomija Ewropea għaddejja minn tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali aċċellerati. Madankollu, dawn it-tranżizzjonijiet doppji issa qed iseħħu f'kuntest globali mfixkel, iffaċċat b'inċertezzi ġodda. F'dan il-kuntest, iż-żieda fis-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni saret vitali għal irkupru li jirnexxi u sostenibbli mill-kriżi tal-COVID-19.

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

L-objettivi tar-REPowerEU jistgħu jinkisbu biss jekk l-Unjoni tkun tista' tippermetti investimenti intelliġenti u rapidi madwar l-Ewropa. L-objettivi jirrikjedu kapaċità addizzjonali, infrastruttura addizzjonali u aġġustata u sforzi kkoordinati u sostnuti biex jitfasslu mill-ġdid is-sistema tal-enerġija u l-prattiki industrijali. L-intervent tal-Unjoni se jġib valur billi jistabbilixxi qafas iddedikat li jippermetti li l-Istati Membri jiġu appoġġati finanzjarjament fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti relatati mal-enerġija. Se jiġi ġġenerat valur addizzjonali permezz tal-koordinazzjoni tal-azzjonijiet biex jiġi żgurat rispons koerenti fl-UE kollha, filwaqt li jiġu ppreżentati miżuri mfassla apposta għall-ispeċifiċitajiet ta' kull Stat Membru.

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza hija qafas eżistenti u li jiffunzjona tajjeb, li issa jista' jintuża biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-miżuri meħtieġa biex jiġi aċċellerat it-tnaqqis mill-Unjoni tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili. Dan joffri qafas eżistenti ta' monitoraġġ u rappurtar li l-Istati Membri jistgħu jirrapportaw il-progress li jkun sar fl-ilħuq tal-objettivi tar-REPowerEU taħtu, f'sinerġija sħiħa mat-twettiq attwali tal-pjanijiet nazzjonali eżistenti u s-Semestru Ewropew.

Biex tilħaq l-objettivi tagħha, jeħtieġ li tissaħħaħ aktar biex jiżdied il-finanzjament u jiġu pprovduti inċentivi addizzjonali għal użu akbar tal-miżuri tar-REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza.

*1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Il-proposta tippromwovi l-koordinazzjoni u s-sinerġiji bejn il-miżuri appoġġati bl-RRF u azzjonijiet oħrajn iffinanzjati minn sorsi oħrajn, inklużi fondi nazzjonali, billi tintroduċi l-kunċett ta' "kapitoli tar-REPowerEU" nazzjonali. Dan jippermetti li l-RRF tiffaċilita u timmassimizza l-komplementarjetà, il-konsistenza u l-koerenza tal-politiki u l-azzjonijiet meħuda biex titrawwem l-indipendenza u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni. Il-proposta hija allinjata mill-qrib mal-gwida ta' politika pprovduta fl-ambitu tas-Semestru Ewropew.

*1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

Il-bidliet fir-Regolament dwar l-RRF huma kkomplementati minn emendi leġiżlattivi biex jiġġeneraw sorsi ta' finanzjament addizzjonali biex jgħinu fil-finanzjament tal-objettivi l-ġodda tar-REPowerEU fil-qafas tal-RRF. Għal dan l-għan, id-dħul li jirriżulta mill-irkant ta' xi kwoti tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (Emissions Trading System, "ETS") se jiġu allokati għall-finanzjament ta' miżuri ġodda relatati mal-enerġija. L-Istati Membri se jibbenefikaw ukoll minn flessibbiltà akbar biex jittrasferixxu r-riżorsi allokati lilhom kemm skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni ((UE) 2021/1060) kif ukoll skont ir-Regolament dwar il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK ((UE) 2021/2115).

### 1.6. Id-durata u l-impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

☐ durata limitata

– ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐Impatt finanzjarju mill-2022 sal-2023 għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u mill-2022 sal-2026 għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☐ **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

– segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

### 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[9]

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

| | |
|---|---|
| mhux | applikabbli |

[9] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fis-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

| |
|---|
| Il-proposta hija bbażata fuq modalitajiet eżistenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar tal-progress tar-riformi u l-investimenti inklużi fl-RRPs, skont ir-Regolament dwar l-RRF. Ir-riformi u l-investimenti inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU se jkunu soġġetti għall-istess arranġamenti ta' monitoraġġ bħal miżuri oħrajn tal-RRF, b'dispożizzjonijiet iddedikati biex isegwu l-progress fil-ksib tal-objettivi tar-REPowerEU.<br><br>Il-kapitoli l-ġodda tar-REPowerEU jipprovdu wkoll informazzjoni dwar miżuri li jridu jiġu ffinanzjati mhux bl-RRF, iżda jew permezz ta' fondi nazzjonali jew permezz ta' fondi tal-Unjoni oħrajn. Dan jippermetti ħarsa ġenerali komprensiva u kwantifikata tal-azzjoni ta' politika ppjanata biex jintlaħqu l-objettivi tar-REPowerEU, biex jiġi żgurat li kull riforma u investiment jiġu appoġġati mill-aktar sors ta' finanzjament adegwat filwaqt li jitqiesu l-kamp ta' applikazzjoni, il-modalitajiet ta' implimentazzjoni u l-iskeda ta' żmien tagħha.<br><br>Il-miżuri ffinanzjati minn sorsi oħrajn minbarra l-RRF se jiġu mmonitorjati fil-qafas eżistenti tas-Semestru Ewropew. |

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

*2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

| |
|---|
| L-RRF hija qafas legali f'pożizzjoni tajba biex tirregola r-rispons Ewropew għall-isfidi tal-enerġija emerġenti ġodda, minħabba r-rabtiet diretti bejn irkupru sostenibbli u Unjoni reżiljenti, u s-sigurtà tal-enerġija tal-UE.<br><br>Il-kunċett ta' kapitoli tar-REPowerEU introdott fil-Proposta jestendi l-qafas ta' ġestjoni u kontroll tal-RRF li jiffunzjona tajjeb għal riformi u investimenti addizzjonali li jappoġġaw l-objettivi tar-REPowerEU.<br><br>Barra minn hekk, il-Kapitolu tar-REPowerEU jiżgura l-effettività u l-koerenza tal-miżuri appoġġati mill-RRF ma' miżuri oħrajn iffinanzjati minn sorsi alternattivi.<br><br>Is-sistema ta' kontroll ġenerali tapplika għall-Kapitoli tar-REPowerEU, li jfisser li jenħtieġ li l-Istati Membri juru kif is-sistemi ta' kontroll stabbiliti jiżguraw b'mod effettiv il-komplementarjetà u l-evitar ta' finanzjament doppju. |

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

| |
|---|
| Kif inhu diġà l-każ taħt ir-reġim tal-RRF eżistenti, ir-riskju huwa relatat mal-kejl tal-prestazzjoni (nuqqas ta' kisba ta' miri/stadji importanti definiti minn qabel).<br><br>Il-miżuri li se jiġu stabbiliti biex itaffu dawn ir-riskji huma dawn li ġejjin:<br>– proċess ta' evalwazzjoni bir-reqqa qabel l-iżborż ta' fondi biex jintlaħqu l-istadji importanti/il-miri mill-Istati Membri benefiċjarji;<br>– l-attivazzjoni ta' sospensjoni, u l-kanċellazzjoni ta' pagamenti f'każ ta' nuqqas ta' lħuq tal-istadji importanti/il-miri mill-Istati Membri benefiċjarji. |

Il-Faċilità se tiġi implimentata b'ġestjoni diretta mill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament Finanzjarju

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"ispejjeż tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti") u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Il-kontribuzzjoni finanzjarja se tiġi pprovduta lill-Istat Membru fil-forma ta' finanzjament mhux marbut mal-kost imsemmi fl-Artikolu 125(1)(a) tar-Regolament Finanzjarju.

## 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

Id-dispożizzjonijiet standard dwar il-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet u l-protezzjoni minnhom jinsabu fir-Regolament eżistenti dwar l-RRF.

Id-DĠ ECFIN se japplika l-Istrateġija tiegħu ta' Kontra l-Frodi, filwaqt li jqis il-proporzjonalità u l-benefiċċju mill-kost tal-miżuri li jridu jiġu implimentati.

Il-proċessi xierqa ta' kontroll intern se japplikaw fil-livelli ta' ġestjoni u jitfasslu biex jipprovdu assigurazzjoni raġonevoli li se jintlaħqu l-objettivi li ġejjin: l-effettività, l-effiċjenza u l-ekonomija tal-operazzjonijiet; l-affidabbiltà tar-rapportar; is-salvagwardja tal-assi u tal-informazzjoni; ġestjoni adegwata tar-riskji relatati mal-legalità u mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti, u l-prevenzjoni, is-sejbien, il-korrezzjoni u s-segwitu ta' frodi u irregolaritajiet.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

L-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jittrasferixxu sa 7,5 % tal-allokazzjoni inizjali tagħhom bl-istrumenti ta' koeżjoni[10] (sa EUR 26.9 biljun) u 12,5 % tal-allokazzjoni tagħhom bil-fond agrikolu Ewropew għall-iżvilupp rurali (sa EUR 7,5 biljun) lill-Fond għall-Irkupru u r-Reżiljenza sabiex jiffinanzja miżuri inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU.

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff[11]. | mill-pajjiżi tal-EFTA[12] | mill-pajjiżi kandidati[13] | minn pajjiżi terzi | fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| | [06.00201] Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza — Appoġġ li ma jitħallasx lura | Diff. | LE | LE | LE | LE |

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff. | mill-pajjiżi tal-EFTA | mill-pajjiżi kandidati | minn pajjiżi terzi | fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| | [XX.SS.SS.SS] | | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

[10] Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Soċjali Ewropew Plus u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura
[11] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
[12] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
[13] Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

L-inizjattiva se tkun iffinanzjata prinċipalment permezz ta' dħul assenjat estern (ara l-punt 3.3)

L-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jittrasferixxu sa 7,5 % tal-allokazzjoni inizjali tagħhom taħt l-istrumenti ta' koeżjoni[14] (sa EUR 26.9 biljun) u 12,5 % tal-allokazzjoni tagħhom taħt il-fond agrikolu Ewropew għall-iżvilupp rurali (sa EUR 7,5 biljun) lill-Fond għall-Irkupru u r-Reżiljenza sabiex jiffinanzja miżuri inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU.

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | Numru | |
|---|---|---|

| DĠ: <…….> | | | Sena **N**[15] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ○ Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | | | | |
| Linja baġitarja[16] | Impenji | (1a) | p.m | p.m | p.m | p.m | | | | |
| | Pagamenti | (2a) | p.m | p.m | p.m | p.m | | | | |
| Linja baġitarja | Impenji | (1b) | | | | | | | | |

[14] Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Soċjali Ewropew Plus u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura

[15] Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Biddel l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

[16] Skont in-nomenklatura tal-baġit uffiċjali. L-ammonti jiddependu mit-teħid mill-Istati Membri tal-possibbiltajiet ta' trasferiment

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Pagamenti | (2b) | | | | | | | | |
| Approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta’ programmi speċifiċi[17] | | | | | | | | | | |
| Linja baġitarja | | (3) | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ** <…….> | Impenji | =1a+1b +3 | | | | | | | | |
| | Pagamenti | =2a+2b +3 | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ○ TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (5) | | | | | | | | |
| ○ TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA <….>** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+ 6 | | | | | | | | |
| | Pagamenti | =5+ 6 | | | | | | | | |

**<u>Jekk il-proposta/l-inizjattiva taffettwa iżjed minn intestatura operazzjonali waħda, irrepeti t-taqsima ta’ hawn fuq:</u>**

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ○ TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha) | Impenji | (4) | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (5) | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha) | | (6) | | | | | | | | |

17 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta’ appoġġ għall-implimentazzjoni ta’ programmi u/jew ta’ azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji “BA”), riċerka indiretta u riċerka diretta.

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 6** tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza) | Impenji | =4+ 6 | | | | | | | | |
| | Pagamenti | =5+ 6 | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **7** | "Nefqa amministrattiva" |

Jenħtieġ li din it-taqsima timtela billi tintuża d-"*data* baġitarja ta' natura amministrattiva" li, qabel kollox, trid tiġi introdotta fl-<u>Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva</u> (l-Anness V tar-regoli interni), li jittella' fid-DECIDE għall-finijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: <…….> | | | | | | | | | |
| ○ Riżorsi umani | | | | | | | | | |
| ○ Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | | |
| **TOTAL TAD-DĠ** <…….> | Approprjazzjonijiet | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Total ta' impenji = Total ta' pagamenti) | | | | | | | | |

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena **N**[18] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata l-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | | | | | | | | |
| | Pagamenti | | | | | | | | |

[18] Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Biddel l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

### *3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali*

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Indika l-objettivi u l-outputs** ⇩ | | | Sena **N** | | Sena **N+1** | | Sena **N+2** | | Sena **N+3** | | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | | | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **OUTPUTS** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip[19] | Spiża medja | Nru | Spiża | Nru | Spiża | Nru | Spiża | Nru | Spiża | Nru | Spiża | Nru | Spiża | Nru | Spiża | Nru totali | Spiża totali |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[20]… | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ... | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **TOTALI** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

19 L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

20 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi…"

### *3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi*

- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena N[21] | Sena N+1 | Sena N+2 | Sena N+3 | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| **Barra mill-INTESTATURA 7[22] tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta’ natura amministrattiva | | | | | | | | |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | | | | | | | |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta’ natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma’ kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta’ allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

---

21 Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Biddel l-“N” bl-ewwel sena ta’ implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta’ wara.

22 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta’ appoġġ għall-implimentazzjoni ta’ programmi u/jew ta’ azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji “BA”), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time*

| • | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ○ **Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | | | |
| • 20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | | | | | | |
| • 20 01 02 03 (Delegazzjonijiet) | | | | | | | |
| • 01 01 01 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| • 01 01 01 11 (Riċerka diretta) | | | | | | | |
| • Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | | |
| • • ○ **Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE)**[23] | | | | | | | |
| • 20 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali") | | | | | | | |
| • 20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet) | | | | | | | |
| • **X** **X** 01 xx **yy zz** [24] • — • - fil-Kwartieri Ġenerali • | • | | | | | | |
| — • - fid-Delegazzjonijiet | • | | | | | | |
| • 01 01 01 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| • 01 01 01 12 (AC, END, INT - Riċerka diretta) | | | | | | | |
| • Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | | |
| • **TOTAL** | | | | | | | |

**XX** huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | |
| Persunal estern | |

23 AC = Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = Persunal tal-Aġenziji; JPD = Professjonisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

24 Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☒ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

| |
|---|
| L-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jittrasferixxu sa 7,5 % tal-allokazzjoni inizjali tagħhom taħt l-istrumenti ta' koeżjoni (sa EUR 26.9 biljun) u 12,5 % tal-allokazzjoni tagħhom taħt il-fond agrikolu Ewropew għall-iżvilupp rurali (sa EUR 7,5 biljun) lill-Fond għall-Irkupru u r-Reżiljenza sabiex jiffinanzja miżuri inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU. Hija ma teħtieġx reviżjoni tal-intestaturi rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali |

– ☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati, l-ammonti korrispondenti, u l-istrumenti proposti li għandhom jintużaw. |

– ☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☒ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **N**[25] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

[25] Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Biddel l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☒ fuq dħul ieħor

– indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa ☒

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[26] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | **2023** | 2024 | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| L-Artikolu …………. | | p.m | p.m | p.m | p.m | | | |

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Il-pakkett finanzjarju tal-Faċilità għandu jiżdied b'EUR 20 biljun (fi prezzijiet attwali). Il-pakkett (f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament) se jkun iffinanzjat mill-irkantar tal-kwoti tal-ETS. L-ammont se jkun disponibbli għall-Istati Membri u inkluż fil-Kapitolu tar-REPowerEU. L-ammont għall-appoġġ mhux ripagabbli jirrappreżenta dħul assenjat estern fis-sens tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju fil-forma ta' appoġġ mhux ripagabbli taħt ġestjoni diretta, biex jappoġġa esklużivament ir-riformi u l-investimenti tar-Regolament. F'dan l-istadju, id-distribuzzjoni skont is-sena mhijiex magħrufa.

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

[26] L-ammont massimu jilħaq l-EUR 20 biljun. It-tqassim mas-snin jiddependi mill-irkantar tal-kwoti tal-ETS